MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 32/2014

**Daniel Alexander Holmes**

**vs**

**Avukat Generali**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Registratur tal-Qrati (Ghawdex)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti tal-5 ta’ Mejju 2014 li jghid hekk:

Illi l-esponent, flimkien ma' certu Berry Charles Lee, gie mressaq b'arrest nhar it-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Struttorja u akkuzat flimkien mal-istess Berry Charles Lee b'serq tal-vettura tal-marka Suzuki tip Samurai, dinghy bil-mutur, hsara volontarja u kif ukoll talli ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Muscat. Illi l-esponent baqa' jinzamm taht arrest preventiv ghal perjodu ta' kwazi sena sal-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena 2008 meta inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest;

Illi filwaqt li giet esebita stqarrija tal-ko-akkuzat Berry Charles Lee fil-proceduri de quo, minkejja li kif irrimarkat l-Onorabli Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha tat-tnejn (2) ta' Mejju 2013 a fol. 160, jidher li l-esponent gie interrogat mill-pulizija, qatt ma giet esebita stqarrija tal-esponent u anke kif irrimarkat l-istess Onorabli Qorti, l-ufficjal prosekutur qatt ma iddepona fil-proceduri;

Illi sussegwentement l-esponent permezz ta' sentenza datata tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013), il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex) sabet lill-esponenti mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u illiberatu minn kull imputazzjoni, htija u piena;

1) Dritt tal-Assistenza Legali

Peress illi l-ligi fiz-zmien illi fih l-esponent gie arrestat u investigat ma kienetx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat f'ebda hin tal-arrest u investigazzjoni, qabel jew matul l-interrogazzjoni, f'kaz ta' interrogazzjoni u sew jekk jirrilaxxa dikjarazzjonijiet verbali jew bil-miktub, kif ukoll ma kienetx tippermetti li l-persuna investigata access tal-file tal-Pulizija u dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent ghal smigh xieraq ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi l-eskluzjoni totali ta' avukat tal-fiducja tal-esponent mill-istadju tal-investigazzjoni, inkluz waqt it-tehid tal-istqarrija orali jew bil-miktub huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu ghall-smigh xieraq u hija ta' pregudizzju kbir ghall esponenti;

Illi d-dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bhala aspett tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem liema dritt gie ritenut illi jigi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest taghha;

Illi fil-fatt il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Dayanan v. Turkey (13.10.2009 (II) irriteniet is-segwenti;

“As emerges from the generally recognized international norms, which the Court accepts and which complement its case-law, a suspect must be afforded assistance by a lawyer as soon as he has been deprived of his liberty, whether or not he is to undergo interrogations.

...

The principle of fair trial requires that a suspect be afforded the vast range of interventions that are inherent to legal advice. In this respect, the discussion of the case, the organization of the defence, the search for favourable evidence, preparation for interrogations, support of the suspect in distress and control of the conditions of detention are essential elements of the defence which the lawyer must be free to perform (§ 32, private translation; emphasis added).

...

In the instant case it is not disputed that the applicant was not assisted by a lawyer when he was in custody, as such assistance was not allowed by the law in force at the relevant time. In itself, such a systematic restriction based on relevant statutory provisions warrants the conclusion that the requirements of Article 6 have not been met, irrespective of the fact that the applicant remained silent throughout his custody" (§ 33, non-official translation).

Illi inoltre l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Pischalnikov v. Russia deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) spjegat fid-dettal il-funzjonijiet varji u teknici tal-avukat fl-istadju tal-investigazzjoni:

"Having been denied legal assistance, the applicant was unable to make the correct assessment of the consequences his decision to confess would have on the outcome of the criminal case ... In the absence of assistance by counsel, who could have provided legal advice and technical skills, the applicant could not make full and knowledgeable use of his rights afforded by the criminal procedural law .. "

Illi ghaldaqstant jirrizulta car u inekwivoku mill-gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali ksur jissussisti awtomatikament imccahda tal-access tal-assistenza legali lill-persuna suspettata u dan indipendetament mic-cirkostanzi, karattru, antecedenti, vulnerabbilita o meno, tal-persuna investigata (Salduz v. Turkey; Brusco v. France, Panovits v. Cyprus, Pischalnikov v. Russia, Dayanan v. Turkey, Plonka v. Poland, Pavlenko v. Russia). Illi di piu l-vulnerabbilita tal-persuna interrogata taggrava ulterjorment tali ksur.

Illi f'Malta l-Qorti Kostituzzjonali wkoll sabet ksur tad-dritt fundamentali ta' smigh xieraq fis-sentenzi Pulizija vs Alvin Privitera u Pulizija vs Esron Pullicino.

2) Avukat tal-Ghajnuna Legali

Illi in oltre quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) l-esponent kien assistit minn Avukat tal-Ghajnuna Legali ai termini tal-artikolu 911 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u l-artikolu 570 tal-Kodici Kriminali;

Illi d-dritt li persuna akkuzata ikollha assistenza legali meta ma jkollhiex mezzi u li jsir bi spejjez pubblici huwa protett kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta (artikolu 39(6)(c)) kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (artikolu 6(3)(c) tal-Kap. 319).

Illi in fatti l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jistipula illi kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-dritt:-

'li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejied li jhallas l-assistenza legaii, din ghandha tinghata lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk'

Illi fis-sena 2007 is-sitwazzjoni fis-sistema legali Maltija, b'riferenza partikolari ghal Qrati t'Ghawdex kienet li persuna akkuzata li m'ghandhiex mezzi finanzjarji sufficjenti sabiex tinkariga avukat ta' fiducja taghha, tigi assenjata assistenza legali ta' avukat minn fost elenku ristrett ta' zewg (2) avukati liema avukati jipprestaw is-servizzi taghhom kemm fil-kawzi civili kif ukoll fil-kawzi kriminali u illi l-avukat jigi assenjat fuq il-kriterju uniku ta' skond min ikun imiss fl-elenku minghajr ebda kunsiderazzjoni ghal specjalizazzjonijiet varji bhad-dritt civili, penali, kummercjali u ohrajn;

Illi l-ispirtu tad-dritt kostituzzjonali surreferit ghandu jkun fis-sens ta' difiza adegwata b'remunerazzjoni sufficjenti mill-Istat sabiex jigi assigurat li l-istess difiza tkun wahda xierqa;

Illi s-sitwazzjoni legali prezenti u li kienet applikata fil-proceduri inkwestjoni ma tissodisfax il-kriterji kif provduti fil-Kostituzzjoni (artikolu 39(6)(c)) u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (artikolu 6(3)(c) tal-Kap. 319);

Illi s-sitwazzjoni attwali qed iccahhad lil esponenti milli jigi assigurat difiza adegwata u xierqa ai termini tal-Kostituzzjoni (artikolu 39(6)(c)) u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-

Bniedem (artikolu 6(3)(c) tal-Kap. 319) (Pakelli v. Germany - 25 ta' April 1993, Lagerblom v. Sweden -14 ta' April, 2003);

Illi inoltre l-esponent jaghmel riferenza ghall-fatt illi r-rimunerazzjoni tal-imsemmija avukati tal-Ghajnuna Legali issir mill-Ufficju tal-Avukat Generali illi huwa wkoll l-Prosekutur Pubbliku;

3) Helsien mill-Arrest tul il-Proceduri

Il-helsien mill-arrest pendenti l-proceduri kriminali huwa dritt fundamentali tal-persuna u dan anke kif stabbilit skont l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 § 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi ai termini tal-artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni:

"Kull min jigi arrestat jew detenut -

(a) sabiex jingieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti; jew

(b) fuq suspett ragonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali, u li ma jigix mehlus, ghandu jingieb quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbghin siegha wara; u jekk xi hadd arrestat jew detenut f'xi kaz bhal dak li huwa imsemmi fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu ma jigix iggudikat fi zrnien ragonevoli, f'dak il-kaz, bla hsara ghal kull proceduri ohra Ii jistghu jingiebu kontra tieghu, huwa ghandu jigi mehlus jew bla kondizzjoni jew b'kondizzjonijiet ragonevoli, maghduda b'mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu mehtiega ragonevolment biex jigi zgurat li huwa jidher f'data aktar tard ghall-kawza jew ghall-proceduri preIiminari ghall kawza."

Illi ai termini tal-artikolu 5 § 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

"Everyone arrested or detained in accordance with the provisions of paragraph 1(c) of this Article ... shall be entitled to trial within a reasonable time or to release pending trial. Release may be conditioned by guarantees to appear for trial."

Illi dan l-artikolu gie mfisser mill-Qorti ta' Strasburgu fil-kaz Wemhoff v. FRG bhala:

"it is the provisional detention of accused persons which must not, according to Article 5(3) (art. 5-3), be prolonged beyond a reasonable time."

Illi inoltre fil-kaz Neumeister v. Austria l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sahqet illi:

"The reasonableness of the time spent by an accused in detention up to the beginning of his trial must be assessed in relation to the very fact of his detention. Until conviction he must be presumed innocent, and the purpose (of Article 5, paragraph 3) is essentially to require his provisional release once his continuing detention ceases to be reasonable."

Illi fil-kaz odjern l-esponenti ghamel perjodu ta' sena mit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena 2007 sal-erbgha (4) ta' Dicembru 2008 taht arrest preventiv u minghajr ma gie akkordat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest fil-proceduri fejn sussegwentement gie liberat mill-akkuzi kollha. Illi tenut kont tan-natura tal-kaz, tenut kont illi l-maggior parti tax-xhieda xehdu fl-ewwel seduti u tenut kont ukoll li ma jidhirx li kien hemm xi ragunijiet impellenti ghaliex ma kellux jinghata l-helsien mill-arrest, ghaldaqstant il-perjodu ta' sena fejn l-esponent inzamm taht arrest preventiv minghajr ma gie akkordat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest ma kienx gustifikat u ma kienx ragonevoli u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ai termini tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Daniel Alexander Holmes deciza nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena 2013 gew lezi d-drittijiet tal-esponenti kif sanciti fl-artikolu 5(3) u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fl-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li tghid hekk:

1. Illi in limine litis fl-ambitu tal-artikolu 1818 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prezenza unika tal-Avukat Generali kienet tkun bizzejjed biex jirrapprezenta lill-Gvern ta' Malta ghall-ghanijiet ta' dawn il-proceduri konvenzjonali/kostituzzjonali;

Meqjus li l-ilmenti tar-rikorrent jolqtu biss (i) il-ligijiet dwar l-assistenza legali tal-interrogat u tal-akkuzat fi zmien meta r-rikorrent kien involut fi proceduri kriminali u (ii) id-decizjoni tal-

Qorti tal-Magistrati fejn tikkoncerna l-helsien mill-arrest tieghu, allura l-legittimu kontradittur tar-rikorrent f'dawn il-proceduri ma huwa hadd hlief l-Avukat Generali. Dan inkwantu skont gurisprudenza pacifika, huwa l-Avukat Generali li ghandu r-rapprezentanza tal-Gvern ta' Malta f'kawzi kostituzzjonali meta xi hadd ikun qieghed jikkontesta l-ligi u/jew decizjonjjiet tal-Qrati;

Fi kwalunkwe kaz ma jidhirx li r-rikorrent qieghed jilmenta minn xi ghemil jew minn xi nuqqas ta' ghemil tal-intimati l-ohra. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi ma hemmx htiega ghalfejn l-intimati l-ohra, ghajr ghall-Avukat Generali, ghandhom ikunu parti f'dawn il-proceduri. Jigi b'hekk li dawn l-intimati ghandhom jigu mehlusa mill-harsien tal-gudizzju;

L-ilment Dwar in-Nuqqas te' Dritt ta' Konsultazzjoni Ma' Avukat Fil-Fazi tal-Interrogazzjoni

2. Illi b'dahla ghal dan l-ilment l-esponenti jinsabu kemmxejn perplessi kif ir-rikorrent jista' qatt jilmenta dwar il-mod kif ittehditlu l-istqarrija meta jirrizulta li l-Pulizija qatt ma kienu hadulu stqarrija. Tassew dan l-ilment tar-rikorrent huwa fieragh kemm jista' jkun, ghaliex biex wiehed ikun jista' jilmenta b'mod serju li gie mcahhad minn assistenza legali waqt it-tehid tal-istqarrija, irid jigi muri li ttiehdet stqarrija. Appuntu f'dan il-kaz il-Pulizija ma hadet l-ebda stqarrija lir-rikorrent. Anke waqt il-proceduri kriminali ma ngiebet l-ebda prova kontra r-rikorrent dwar xi verzjoni bil-fomm jew bil-ktiba moghtija mir-rikorrent waqt l-istadju tal-interrogazzjoni. Ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrent ghandu jaqa' comb minnufih;

3. Illi f'kull kaz huwa maghruf li r-rikorrent ma jistax jibbenefika mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja b’mod retroattiv fuq kawzi li ghaddew in gudikat. Jekk huwa kellu xi ilment dwar kif giet kondotta l-interrogazzjoni r-rikorrent messu qajjimha waqt li kienu ghaddejjin il-proceduri kriminali u mhux issa wara li dawn gew fi tmiemhom;

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju, il-jedd moghti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa l-jedd ghal smigh xieraq u mhux il-jedd ghall-ghajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittiehed stqarrija. Ifisser dan, li jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat fil-mument tat-tehid tal-istqarrija ma gabet l-ebda pregudizzju serju ghall-akkuzat fl-ezitu tal-proceduri kriminali allura dan tal-ahhar ma jkollu l-ebda ragun jinvoka ksur tal-jedd ta' smigh xieraq abbazi ta' dan in-nuqqas;

5. Illi marbut sfiq ma' dan, id-dritt tas-smigh xieraq irid jigi meqjus fil-kuntest tat-totalita tal-proceduri kollha u mhux fir-rigward ta' xi mument specifiku;

6. Illi appuntu f'dan il-kaz ir-rikorrent ma garrab l-ebda pregudizzju. Dan mhux biss ghaliex ma irrilaxxjax stqarrija izda anke minhabba l-fatt li wara kollox huwa gie mehlus mill-akkuzi kollha li gew mixlija kontrih. Ghalhekk l-esponenti qajla jistghu jifhmu xi jrid jikseb ir-rikorrent

b'dan l-ilment. L-esponenti ma jahsbux li r-rikorrent jixtieq li l-proceduri u l-investigazzjoni jibdew mill-gdid!;

7. Illi fuq l-ilment li r-rikorrent ma nghatax access ghall-fajl tal-pulizija dan huwa assolutament minghajr ebda fondament guridiku. Dan minhabba li ma jezisti l-ebda tali jedd la taht il-Konvenzjoni Ewropea u lanqas taht il-Kostituzzjoni ta' Malta. Tabilliaqq l-akkuzat jigi pprocessat u ggudikat fuq l-evidenza miqjuba quddiem il-Qrati u mhux fuq dak li jkun hemm fil-fajl tal-Pulizija. Fuq kollox imbaghad ir-rikorrent qatt ma talab biex huwa jkun jista' jara xi fajl tal-pulizija li jtkkoncernah. Imma anke jekk stess, il-provi tal-Pulizija kontra r-rikorrent kienu dawk li hargu waqt l-andament tal-kawza;

8. Illi minghajr hsara ghall-premess ix-xebh li r-rikorrent jipprova jislet ma' certu kazijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti Ewropea ma huwa ta' ebda fejda ghalih. Apparti li f'dawk il-kazijiet l-istqarrija kien l-uniku fattur determinati li seta' jwassal ghas-sejbien ta' htija (kuntrarjament ghal dan il-kaz fejn lanqas biss kien hemm stqarrija), tajjeb li jinghad ukoll li f'dawk is-sentenzi giet espressa l-fehma li l-jedd tal-assistenza tal-avukat ghandu jinghata ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li tibqa' siekta, u bla theddid, weghdiet, vjolenza jew b'xi mod iehor abuzivament. Fi kliem iehor, il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat. It-test deciziv f'dawn is-sitwazzjonijiet huwa jekk fil-mument tat-tehid tal-istqarrija, l-interrogat kienx f'qaghda ta' vurnerabilita, djghufija, biza, vjolenza jew pressjoni mhux xierqa;

9. Illi l-argument tar-rikorrent li hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq anke jekk wiehed jibqa' sieket waqt l-istqarrija tieghu mhuwiex wiehed korrett u lanqas xieraq. Ir-rikorrent seta' kellu ragun li kieku mis-skiet tal-interrogat wiehed seta' jigbed inferenza ta' htija. Madankollu kif kienet il-ligi taghna dak iz-zmien, jekk l-interrogat jaghzel li jibqa' sieket huwa ma kien ha jqarrab l-ebda pregudizzju ghad-difiza tieghu. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi m'ghandux mis-sewwa l-argument tar-rikorrent li hemm vjolazzjoni ta' dan il-jedd anke jekk interrogat mhux assistit jaghzel li jibqa' sieket waqt l-interrogazzjoni;

10. Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent fuq in-nuqqas ta' assistenza ta' avukat ghandu jigi imwarrab. Wara kollox kif imtenni mill-Qrati taghna, il-jedd ta' ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jinghata mhux biex tinholoq formalita li n-nuqqas taghha jaghti mezz ta' difiza lill-akkuzat;

L-ilment Dwar il-Fatt Li Tul il-Proceduri Huwa Kien Meghjun minn Avukat tal-Ghajnuna Legali

11. Illi fl-ewwel lok imbilli fl-ewwel parti tal-fazi tal-istruttorja r-rikorrent kien meghjun minn avukat tal-ghajnuna legali ma jfissirx ipso facto li b'daqshekk huwa ma kellux difiza tajba;

12. Illi r-rikorrent tassew jonqos fir-rispett lejn l-avukati tal-ghajnuna legali, meta jimplika li ghaliex huma m'ghandhomx remunerazzjoni sufficjenti mill-Istat allura dan ifisser li huma ma jaghtux servizz tajjeb u xieraq. Bi tweqiba ghar-rikorrent, il-hila, l-integrita, is-serjeta u l-kompetenza tal-avukat ma titkejjilx mill-parcella li jithallas ghas-servizzi tieghu izda bil-mod kif l-avukat igib ruhu waqt l-inkarigu tieghu;

13. Illi f'dan il-kuntest, wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-avukati tal-ghajnuna legali, jezercitaw ukoll il-professjoni privata taghhom. Ifisser dan li huma ghandhom interess logiku li jaghtu servizzi tajba bhala avukati tal-ghajnuna legali biex fl-istess waqt jghollu r-reputazzjoni taghhom bhala avukati;

14. Illi hekk ukoll ghalkemm l-Istat ghandu l-obbligu li jaghti assistenza legali b'xejn lil min ma jkollux il-mezzi finanzjarji biex iqabbad avukat personali, dan m'ghandux jigi interpretat li l-avukat imqabbad mill-Istat ghandu tabilfors jiggarantixxi jew jikseb success jew ezitu favorevoli tal-kawza;

15. Illi ghalkemm fis-sistema domestika taghna l-avukati tal-ghajnuna legali jipprestaw is-servizzi taghhom indistintivament kemm f'kawzi civili u kemm f'kawzi kriminali, dan ma jnaqqas xejn mill-kapacitajiet u mill-kompetenzi taghhom. Anzi hija l-fehma meqjusa tal-esponenti li l-hila tal-avukat tohrog aktar b'qawwa jekk dan ikun kapaci li jitratta 'l fuq minn suggett wiehed. Fuq kollox imbaghad min huwa familjari mas-sistema u l-prassi gudizzjarja taghna, jaf li l-maggoranza assoluta tal-avukatura f'Malta hija versatili u tahdem f'aktar minn qasam wiehed tal-ligi. Kemm hu hekk, biex tintuza espressjoni Maltija, tghoddhom fuq subghajk dawk l-avukati li jahdmu biss fil-ligi kriminali. Ghalhekk fil-qafas u fil-kuntest tas-sistema gudizzjarja Maltija ma hemm xejn hazin jew ahjar ma huwa ta' ebda zvantagg li jkollok avukat li jkun jahdem kemm fil-kamp civili u kif ukoll fil-kamp kriminali. Anzi hija n-norma li l-avukati jahdmu fiz-zewg oqsma;

16. Illi ulterjoment, il-fatt wahdu li l-finanzjament tal-avukati tal-ghajuna legali johrog mill-vot tal-Avukat Generali ma jfissirx b'daqshekk li l-avukati tal-ghajnuna legali ha jigbdu l-habel tal-prosekuzzjoni, jew ser jahdmu kontra l-interessi tal-patrocinat taghhom jew li b'xi mod ha jirrinunzjaw ghall-indipendenza u l-intergrita taghhom. Fl-ahhar mill-ahhar kemm l-avukati tal-ghajnuna legali u kemm l-ufficjali tal-Avukat Generali jithallsu mill-istess but tal-Istat. Ghalhekk ghalkemm mil-lat amministrattiv ta' fondi pubblici hemm komunanza fil-finanzjament tal-Ufficcju tal-Avukat Generali u tal-Ufficcju tal-Avukati tal-Ghajnuna Legali, l-importanti huwa li fis-servizzi taghhom dawn l-entitajiet huma indipendenti u awtonomi minn xulxin, kif hekk huwa l-kaz;

17. Illi mingliajr lisara gliall-premess, il-fatt li bejn il-perijodu tat-12 ta' Oicembru 2007 u 1-31 ta' Lulju 2008 ir-rikorrent kien meglijun minn avukat tal-gliajnuna legali, dan ma gablu l-ebda prequdizzju jew zvantaqq. Kemm hu hekk, finalment ir-rikorrent gie melilus mill-akkuzi kollha migjuba kontrih;

18. Illi anke kieku stess f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-avukat tal-ghajnuna legali li gie assenjat lir-rikorrent b'xi mod abdika mill-obbligu tieghu li jassisti kif mistenni lir-rikorrent waqt il-proceduri kriminali jew li gab ruhu hazin waqt il-process jew li ha decizjonijiet hziena li kienu ta' hsara ghall-pozizzjcni tar-rikorrent. Infatti fir-rikors kostituzzjonali r-rikorrent ma jilmentax li l-avukat tal-ghajnuna legali effettivament iddefendih b'mod hazin;

19. Illi f'dan il-kuntest kif inghad aktar kmieni, ilment ta' smigh xieraq ghandu jigi mistharreg fil-kumpless shih tal-proceduri u mhux fuq xi fazi izolata tieghu. Issa jekk wiehed iqis (i) li r-rikorrent ma ghamilx il-kaz kollu jinqeda bl-avukat tal-ghajnuna legali, (ii) li sakemm l-avukat tal-ghajnuna legali kien ghadu involut ir-rikorrent ma garrab l-ebda sura ta' pregudizzju kontra d-difiza tieghu, (iii) li l-avukat tal-ghajnuna legali dejjem wettaq xoghlu bl-ahjar hila tieghu u (iv) li fl-ahhar mill-ahhar ir-rikorrent gie liberat mill-akkuzi, allura wiehed tabilfors ghandu jasal ghall-konkluzjoni li f'dan il-kaz ir-rikorrent ma garrab l-ebda lezjoni tal-jeddijiet fundamentali tieghu bis-semplici fatt li waqt parti tal-process kriminali huwa kien assistit minn avukat tal-ghajnuna legali;

20. Ghaldaqstant anke dan it-tieni ilment tar-rikorrent ma jistax jitqies bhala wiehed misthoqq;

L-ilment Dwar il-Helsien Mill-Arrest Tul il-Proceduri

21. Illi fl-ewwel lok tul iz-zmien kollu li kienu ghaddejjin il-proceduri kriminali, ir-rikorrent qatt ma ilmenta jew ikkontesta s-siwi tal-arrest tieghu. Anzi jekk wiehed ihares lejn il-verbal tat-12 ta' Dicembru 2007, ta' meta r-rikorrent tressaq l-ewwel darba l-qorti, wiehed isib miktub espressament li, "The lawyers representing the persons charged declare that there is no contestation as regards the fact that their clients have been brought before the court under arrest."Jigifieri kien ir-rikorrent stess li kien qed jaccetta bil-mezz ta' dan il-verbal, li l-arrest tieghu ma kienx wiehed kappriccjuz izda kien wiehed legali u gustifikat ghaliex kieku huwa kien jikkontesta l-arrest tieghu;

22. Illi dan il-verbal qatt ma gie mibdul jew kontradett b'verbali sussegwenti. Ghaldaqstant ir-rikorrent ma jistax jilmenta li l-arrest tieghu ma kienx misthoqq skont l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34 tal- Kostituzzjoni ta' Malta meta huwa stess, fid-data tal-prezentata tieghu quddiem il-Qorti, kien gharaf il-legittimita tal-arrest u d-detenzjoni tieghu;

23. Illi darba li gie stabbilit li l-arrest inizzjali tar-rikorrent kien imsejjes u imqanqal fuq suspetti ragonevoli li twettaq reat kriminali skont kif komminat taht l-artikolu 5(1)(e) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-pass li jmiss huwa li wiehed jezamina jekk il-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tieghu sakemm gie moghti lilu l-liberta provizorja mill-Qorti kienx wiehed gustifikat u permessibbli fil-qafas tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 34(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

24. Illi f'din il-qaghda, mill-istruttorja kriminali johrog li fil-jum tal-prezentata tieghu quddiem il-Qorti, fit-12 ta' Dicembru 2007, l-avukat difensur tar-rikorrent kien talab ghall-helsien provizorju mill-arrest izda l-Qorti cahdet din it-talba minhabba r-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 575(1)(a), (b), (c) u (e). Tassew billi r-rikorrent kien barrani, ma kienx ilu jghix f'Ghawdex, ma kellux mezzi finanzjarji biex jghix u ma kellux impjieg fiss, il-Qorti hasset li kien hemm il-periklu li r-rikorrent jiltaq minn Malta u b'hekk ma jidhirx ghas-seduti tal-kawz;

Interessanti hafna li fit-tieni seduta mizmuma fl-20 ta' Dicembru 2007, gie verbalizzat li, "Dr. Kevin Mompalao and Dr. Jean Paul Grech defence councels to the accused declare that at this point in time they are not requesting bail;

Wara dan il-verbal, l-ewwel darba li r-rikorrent talab ghall-helsien mill-arrest kien biss fil-21 ta' Ottubru 2008 meta ipprezenta rikors appozitu. Ta' min jghid hawnhekk, li fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2008, il-Qorti fil-verbal taghha zammet id-dritt taghha li tohrog id-digriet wara li r-rikorrent jipprovdi indirizz fejn ha jkun qed joqghod jekk jinhareg mill-habs u wara wkoll li missieru jistabbilixxi r-residenza tieghu f'Malta bl-ghan li joqghod ma' ibnu. Effettivament ir-rikorrent issodisfa dawn iz-zewg kundizzjonijiet fis-seduta sussegwenti tal-4 ta' Dicernbru 2008 u b'hekk dakinhar il-Qorti ordnat il-helsien mill-arrest tieghu minghajr ebda depozitu jew plegg izda taht garanzija personali ta' €7,000;

Minn dawn il-fatti l-esponenti ma jarawx kif ir-rikorrent jista' b'xi mod jilmenta dwar dewmien biex inghata l-liberta provizorja meta huwa bejn it-12 ta' Dicembru 2007 u l-21 ta' Ottubru 2008 qatt ma kien irregistra talba la bil-fomm jew bil-kitba biex jinghata l-liberta provizorja. Kif wiehed sikwit jghid f'dawn it-tip ta' cirkostanzi, 'the law does not protect those who sleep over their rights';

Kwindi ladarba ghal dan il-perjodu kollu r-rikorrent qatt ma talab ghal-liberta provizorja, dan necessarjament ghandu jfisser li huwa ma jistax jilmenta ghax dam biex inghata l-helsien mill-arrest;

Meta imbagliad ir-rikorrent ressaq it-talba tieghu ghall-helsien fil-21 ta' Ottubru 2008, il-Qorti kienet propensa li takkordalu l-helsien basta li huwa jaghti indirizz fejn ha joghqod. Dan l-

indirizz ir-rikorrent provdieh fis-seduta tal-4 ta' Dicernbru 2008 u f'dak l-istess jum huwa inghata l-helsien provizorju;

Jigifieri r-rikorrent ma jistax jghid li l-Qorti cahditlu l-liberta tieghu ghaliex malli huwa ressaq ir-rikors u pprovda l-indirizz fejn ha joqghod, il-Qorti mill-ewwel kienet laqghetlu t-talba;

Ghaldaqstant thares minn fejn thares dan kollu ghandu jwassal lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li f'dan il-kaz ir-rikorrent ma garrab l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

25. Salv eccezzjorujiet ulterjuri;

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu. Madankollu peress li fil-fehma umili tal-esponenti l-ilmenti imqanqla mir-rikorrent huma ta' natura semplicement frivola u vessatorja, din l-Onorabbli Qorti hija umilment mistiedna biex jekk thoss li huwa l-kaz tikkunsidra l-applikazzjoni tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(5) tal-Kap. 319 kontra r-rikors imressaq mir-rikorrent;

Rat li r-rikorrent irtira t-talbiet tieghu fil-konfront tar-Registratur tal-Qrati (Ghawdex);

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-attur qed jilmenta li inkisrulu drittijiet kostituzzjonali in konnessjoni ma’ arrest u procedurI kriminali li ittiehdu fil-konfront tieghu li itterminaw b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali (Ghawdex) tat-2 ta’ Mejju 2013 fejn hu gie liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih.

L-ilmenti tal-attur huma tlieta:

1. Nuqqas ta’ assistenza legali fiz-zmien tal-arrest u investigazzjoni li jivvjola l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

2. Nuqqas fis-sistema ta’ ghajnuna legali li tiggarantixxi difiza adegwata u xierqa kontra dak li jiddisponi l-artikolu 39(6)(c) tal-Kostituzzjoni u artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. Nuqqas ta’ helsien mill-arrest preventiv fi zmien ragonevoli bi ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

**Eccezzjoni preliminari**

Il-Qorti tqis fondata din l-eccezzjoni cioe li l-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri hu l-Avukat Generali a bazi tal-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12. L-ilmenti tal-attur jirrigwardaw il-ligijiet tal-assistenza legali li ghalihom jirrispondi l-Avukat Generali bhala r-rapprezentant tal-Gvern ta’ Malta u d-dewmien tal-arrest li tirrigwarda decizjoni tal-Qorti li wkoll jirrispondi ghaliha l-Avukat Generali meta qed tigi kontestata decizjoni tal-Qorti peress li dawn ma jistax jirrispondi ghalihom ebda kap ta’ dipartiment kif ighid l-artikolu 181B(1) tal-Kap. 12. Dan l-ilment gia gie deciz bl-istess mod f’kawza b’talbiet simili fl-ismijiet Daniel Holmes vs Avukat Generali et (03/10/2014).

**Mertu**

**Nuqqas ta’ assistanza legali fi zmien l-arrest u interogazzjoni**

Din il-kwistjoni giet trattata mill-Qorti Kostituzzjonali fi proceduri ohra kontra l-istess attur fuq akkuzi ohra liema decizjoni fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et** (12/2014/1) decizjoni fis-16 ta’ Marzu 2015 tghid hekk qua principju regolatur:

> Din il-qorti ttenni dak li qalet fis-sentenza tat-8 ta’ Ottubru 2012 fil-kaz ta’ Charles Steven Muscat v. Avukat Generali u s-sentenza tas-26 ta’ April 2013 fil-kaz ta’ Repubblika ta’ Malta v. Martin Dimech u f’sentenzi ohra hemm citati illi ma huwiex il-kaz illi n-nuqqas ta’ ghajnuna ta’ avukat iwassal, ghalhekk biss, ghall-ksur tal-jedd

> ghal smigh xieraq, izda jrid ikun hemm cirkostanzi ohra illi jwasslu ghall-konkluzjoni illi minhabba n-nuqqas ta' access ghal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' legittimita mehtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttiehdet bi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.

F'dan il-kaz il-fatt li l-attur ma kellux assistenza legali bl-ebda mod ma ippregudikat jew ikkondizzjonat id-difiza tieghu. Bhala fatt hu inkontestat illi ebda stqarrija ma saret jew ittiehdet minghand l-attur u dejjem sostna l-innocenza tieghu. Din il-Qorti ghalhekk ma issib ebda ksur bil-fatt wahdu li ma kienx hemm assistenza legali meta ebda pregudizzju lanqas 'percepit' ma gie ravvizat. Din il-Qorti ma tqis validu l-argument illi l-vjolazzjoni tissusisti biss fil-fatt li ma kienx hemm assistenza legali. Id-drittijiet fudamentali fil-fehma ta' din il-Qorti jridu jigu allacjati ma' fatti mhux ma ipotesi teoretika biss. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ricenti tal-Qorti Ewroprea fl-ismijiet **Dimech v. Malta** fit-2 ta' April 2015 mill-Qorti Ewropean tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn jintqal hekk:

> 43. The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, X. v. Norway, Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) 14, p. 228; Bricmont v. Belgium, 7 July 1989, Series A no. 158; Papadopoulos v. Greece, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, X v. Switzerland, no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982, DR 28, p. 127; B v. Belgium, Commission decision of 3 October 1990, DR 66, p. 105; Cervero Carillo v. Spain, (dec.), no. 55788/00, 17 May 2001; Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010).

F'dan il-kaz ebda fattur fil-proceduri kriminali mehuda kontra l-attur ma jwasslu ghal xi suspett ta' vjolazzjoni ta' dritt ta' smigh xieraq. F'dan il-kaz mhux talli ma saret ebda stqarrija mir-rikorrenti izda gie eventwalment mehlus mill-akkuzi kollha. Ara wkoll **Stacey Chircop vs**

**Avukat Generali et** (PA 08/02/2013) fejn l-akkuzata f'dan il-kaz ma ghamlitx stqarrija pero instabet hatja. Il-Qorti qalet li din il-lanjanza lanqas setghet tibda tigi kunsidrata la darba ma saret ebda stqarrija.

In kwantu ghall-allegazzjoni li l-attur ma nghatax access ghal file tal-pulizija, dan ma jsib ebda protezzjoni b'xi dritt kostituzzjonali. Persuna tigi processata fuq il-fatti migjuba fil-Qorti mhux il-file tal-pulizija. Id-dritt tal-akkuzat hu ghal smigh xieraq fis-sens li jkun jaf fuq liema akkuzi jew suspett qed jigi mizmum mill-pulizija pero mhux biex ikun jaf f'dan l-istadju tal-bidu tal-proceduri x'informazzjoni ghandha f'idejha l-pulizija. Il-provi jirrizultaw waqt il-kumpilazzjoni u ma sar ebda ilment f'dan ir-rigward.

**Nuqqas ta' difiza adegwata**

Dan in-nuqqas qed jigi allacjat mhux mal-persuna, cioe l-avukat ta' ghajnuna legali li gie imqabbad mill-Qorti biex jirrraprezenta lil akkuzat (l-attur) meta iddikjara li ma kellux mezzi biex jingagga avukat ta' fiducja tieghu, izda hu marbut mas-sistema infisha fejn l-avukat li jitqabbad mhux necessarjament ikollu specjalizazzjoni fil-kamp kriminali. In oltre l-attur izid illi f'Ghawdex hemm ghazla limitata ta' tlett avukati tal-ghajnuna legali biss li jitqabdu bir-roster mhux necessarjament fuq l-ispecjalizazzjoni taghhom, u l-akkuzat ma ghandu ebda kontroll fuq l-ghazla tal-avukat partikolari biex jassistih. Izid ukoll li l-hlas mhux rifless fil-volum tax-xoghol li jinghataw liema hlas isir mill-Avukat Generali mhux mill-Qorti.

Din il-kwistjoni wkoll giet trattata fil-kawza fuq citata ta' Holmes (12/2014/1) u meta c-cirkostanzi kienu identici fis-sens li l-istess avukat tqabad jiddefendi lil attur fuq l-akkuzi mertu ta' dan l-ilment. Il-Qorti fil-precitata kawza waslet ghal konkluzzjoni li dan l-ilment ma kienx gustifikat. Din il-Qorti taqbel peress illi fl-ewwel lok ebda ilment ma tressaq li l-avukat li tqabbad ma kienx kompetenti fil-kamp kriminali. Il-fatt li sistema ma tkunx perfetta m jfissirx li qed tikser id-drittijiet fundamentali ta' persuna. Ma hemmx prova li l-avukat li tqabbad kien nieqes minn kull esperjeza fil-kamp kriminali u ingiebet xi prova ta' inkompetenza fil-konfront tieghu fid-difiza li kien qed jaghti lil attur fiz-zmien li kien qed jassistih. Ghalkemm hu minnu illi l-finanzjament tal-avukat tal-ghajnuna legali johrog mill-vot tal-Avukat Generali, ma hemm ebda fattur li juri li l-avukat ta' ghajnuna legali mhix indipendenti mill-Avukat Generali u li

b'daqshekk mhux ser jaqdi dmiru b'integrita u onesta, u b'mod ghal kollox awtonomu mill-funzjonijiet u dmirijiet tal-Avukat Generali.

Il-perjodu li l-attur dam assistit minn avukat ta' ghajnuna legali kien bejn it-12 ta' Dicembru 2007 u l-31 ta' Lulju 2008 u ebda allegazzjoni ta' pregudizzju ma ngiebet dwar l-operat tal-avukat fil-konfront tal-attur fit-tmexxija tad-difiza tieghu.

Il-Qorti ittemm billi tirrimarka illi d-decizjoni tal-Qorti dwar nuqqas ta' htija tal-attur turi li l-attur ma kellux ilment kostruttiv fil-konfront tal-avukat ta' ghajnuna legali. Il-fatt kif intqal, li sistema tista' tigi perfezjonata ma jfissirx li a priori persuna giet imnaqqsa fid-drittijiet kostituzzjonali taghha li tigi assistita minn avukat ta' ghajnuna legali liema avukat irid ikun wiehed li jista jaghti difiza xierqa lil assistit tieghu. Il-provi ma urewx mod iehor.

Il-Qorti izzid li ma ghandux isir ezami teoretiku tas-sistema ta' ghajnuna legali izda jekk din l-assistenza fil-fattispecie partikolari tal-kaz illedietx dritt fondamentali tar-rikorrenti. Dan ma irrizultax. Mhux hekk biss izda kif tghid **Karen Ried** (p. 196):

> The competent authorities are only required to intervene if failure by legal aid counsel to provide effective representation is manifest or sufficiently brought to their attention in some other way (Kasaminski para. 65; Daud para. 38; and Czekalla para. 60). The Court will have regard to the proceedings in their entirety and the mere fact that a counsel in some respects acted against what applicants consider to be their best interests will not be sufficient to render the representation below the required standard (e.g. Kamasinski, where the applicant cirticised the brevity of counsel's visits, counsel's failure to inform him of prosecution evidence etc), or for example where counsel refused to draft grounds of appeal as the file did not disclose any statutory grounds (Rutwoski vs Poland, October 19, 2000)

**Dewmien mill-ghoti ta' helsien ta' arrest**

Dan l-ilment ukoll irid jittiehed fil-perspettiva tal-assiem tal-provi. Il-perjodu bejn l-arrest u l-helsien mill-arrest kien ta' circa sena cioe mit-12 ta' Dicembru 2007 meta l-attur tressaq b'arrest cioe gurnata wara li gie mizmum mill-pulizija sal-4 ta' Dicembru 2008 fejn inghata l-helsien mill-arrest. Sinifikanti illi meta tressaq quddiem il-Qorti l-attur permezz tad-difensur

tieghu talab il-helsien mill-arrest izda dan gie rifjutat mill-Qorti ghal ragunijiet fost ohrajn li kien barrani, ma kienx ilu jghix f'dawn il-gzejjer, ma kellux mezzi finanzjarji u ma kellux impjieg fiss. Dawn ir-ragunijiet waslu lil-Qorti tuza d-diskrezzjoni taghha li kien hemm periklu li l-akkuzat ma jidhirx ghas-seduti jekk jinghata l-liberta provvizorja. Fit-tieni seduta fl-20 ta' Dicembru 2007 sar verbal mid-difensur tal-attur, li f'dak il-mument ma kienx qed jinsisti ghal liberta provvizorja. Bdew il-provi tal-prosekuzzjoni u kien fil-21 ta' Ottubru 2008 li l-attur permezz tad-difensur ta' fiducja tieghu li kienu gew sostitwiti ma' dawk ta' ghajnuna legali li intalab il-helsien mill-arrest li fil-fatt gie akkordat fl-4 ta' Dicembru 2008.

Il-Qorti tqis li dan hu l-perjodu rilevanti ghal kwistjoni dwar dewmien inaccettabbli cioe xahar u nofs mit-talba ghal helsien ghal helsien effettiv. Il-Qorti ma tistax tara kif u ghalfejn gie lez id-dritt tal-attur ghal helsien mill-arrest, meta t-talba saret fl-ahhar ta' Ottubru u l-helsien gie akkordat fil-bidu ta' Dicembru tal-istess sena. Ma ingieb ebda ilment ta' irragonevolezza fil-perjodu bejn l-arrest, talba ghal helsien u l-helsien effettiv meta fil-frattemp ta' dawn il-ftit xhur kienu qed isiru l-provi mill-prosekuzzjoni u l-akkuzat ma talabx il-helsine mill-arrest qabel il-21 ta' Ottubru 2008 (ara **Adela Mariana Crete vs Avukat Generali**, PA 22/01/20015). In oltre l-Qorti ma ghandhiex il-jedd li tqajjem il-kwistjoni tal-helsien mill-arrest ex officio (art. 582(1) Kap. 9).

Il-fatt li l-akkuzat gie liberat mill-akkuzi ma jfissirx li l-arrest jew id-deternzjoni tieghu kienet illegali, la darba kien hemm suspett regonevoli ta' reat da parti tal- pulizija kif ighid il-gurist **John David Michels**:

> a subsequent acquittal does not render the earlier determination of a detention-justifying ground illegitimate. The decisions concern different matters: the criminal responsibility of the accused is separate from the risks to public interests surrounding release during trial. Even if convincing evidence completely exonerates the accused, this does not signify that the accused never posed a risk of flight, interference with administration of justice or social disturbance

Ghalhekk il-Qorti tqis dan l-aggravju bhala infondat ukoll.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali u tiddikjara illi l-Kummissarju tal-Pulizja mhux legittimu kontradditturu, u fil-mertu tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

## **< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------